



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

14039/20
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0166(APP)

CADREFIN 450
RESPR 82
POLGEN 228
FIN 958

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2012-2027 u l-Pakkett għall-Irkupru - Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 - ADOZZJONI

1. Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness għal dan id-dokument żewġ dikjarazzjonijiet, magħmula rispettivament mill-Awstrija u l-Polonja. Ma waslet l-ebda dikjarazzjoni oħra.
2. L-ebda delegazzjoni ma indikat l-intenzjoni li tastjeni jew tivvota kontra r-regolament propost.

Dikjarazzjoni mill-Awstrija

Id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kontribuzzjonijiet klimatiċi għal kull programm tindika dan li ġej għar-"Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali" (ITER): kontribuzzjoni mistennija ta' 100 % fid-dawl tal-kisba ta' mira ġenerali ta' mill-inqas 30 % tal-ammont totali tal-baġit tal-Unjoni u l-infiq tal-NGEU. F'dan il-kuntest, l-Awstrija tfakkar li l-miri fil-leġislazzjoni/fil-programmi settorjali għandhom jikkonformaw mal-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050 u jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri klimatiċi l-ġodda tal-Unjoni għall-2030. Madankollu, l-ITER mhux ser jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri klimatiċi l-ġodda tal-Unjoni għall-2030 u l-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050 peress li r-reattur tar-riċerka u tal-esperiment mhu ser jipproduċi l-ebda enerġija elettrika fis-snin li ġejjin. Bl-istess mod, anki l-proġett ta' segwitu DEMO (impjant tal-enerġija ta' DEMOnstrazzjoni) mhux ser ikun għadu f'pożizzjoni li jikkontribwixxi għall-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. Minflok, dan ser iwassal għal effett negattiv nett fl-emissjonijiet ta' CO² matul il-kostruzzjoni tiegħu.

Peress,

- li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri enfasizzat li l-koeffiċjenti klimatiċi tal-UE applikati f'ċerti oqsma naqsu milli jirrispettaw il-prinċipju ta' konservazzjoni żviluppat mill-Bank Dinji u
- li dawn il-koeffiċjenti jvarjaw ukoll mill-qafas ta' klassifikazzjoni tal-OECD u
- ma jikkunsidrawx l-impatti negattivi tal-investimenti,

in-nefqa tal-UE għall-ITER m'għandhiex tingħadd bħala kontribuzzjoni għall-mira globali tal-klima ta' 30 %.

Dikjarazzjoni mill-Polonja

L-implimentazzjoni sħiħa in bona fide tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew u d-dikjarazzjonijiet relatati mill-Kummissjoni dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tar-regolament dwar kondizzjonalità ġenerali għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni tirrigwarda l-interessi nazzjonali vitali tal-Polonja u hija prekondizzjoni għall-kunsens tal-Polonja għal kwalunkwe att leġislattiv relatat mal-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sal-2027, inkluż Next Generation EU.
